# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Lulju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Mario Mizzi**

**Kumpilazzjoni Nru: 1037/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Mizzi, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 445461(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul is-sena 2009, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal jew impjegat f'amministrazzjni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu jew ma' kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta'

stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma' tippermettiex il-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi haddiehor bil-ghan li tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub titolu IV tat-Titolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minhabba li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

- 17, 31 u 533;
- 115(1)(a), 119 u 121;
- 112, 114, 119 u 121; u
- 121A(1)(2).

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn l-proceduri jirrigwardaw allegazzjoni ta' tixhim fil-process tal-privatizazzjoni tat-Tarzna li kienet ser tinqasam f'erbgha' facilitajiet: il-Marsa Ship Building, Cospicua Ship Repair Yard, Super Yacht Services, u Manoel Island Yacht Yard. L-allegazzjoni kienet tirrigwarda l-process tas-Super Yacht Services u originat minn certu Paul Cardona, li tramite kumpanija tieghu Marine and Industrial Consultancy Services Limited, kien jifforma parti minn wiehed mill-consortia (SYC Ltd) li kienu ibbidjaw ghat-

tender tas-Super Yachts Services. L-allegazzjoni saret fil-konfront ta'l-imputat li kien membru ta'l-Evaluation Committee nominat fi hdan il-process ta' privatizazzjoni, u kien anke Chief Executive Officer tal-Mimcol. Paul Cardona fil-fatt jallega li waqt laqgha li kellu ma'l-imputat dan qallu l-kliem: *jekk inthom tahsbu fiha jien f'pozizzjoni li nghinkom*. Il-prosekuzzjoni fil-fatt qed tibbaza l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'l-imputat fuq dawn il-kliem u fuq e-mail mibghuta mill-imputat fejn talab li t-tecnhical evaluation mghotija lil SYC Ltd tigi riveduta.

Ikkunsidrat

Illi fil-kors tal-proceduri odjerni l-prosekuzzjoni ressqet hafna xhieda li, fil-maggor parti taghhom, iddeponew fit-tul in ezami u kontroezami; gew prezentati diversi dokumenti inkluz it-tender documents. Hafna mill-provi prodotti kienu intiezi biex jispjegaw il-process tal-privatizazzjoni tat-Tarzna in generali u b'mod specifiku dak kollu li sehh fil-process tat-tender tas-Super Yacht Services; dawn kienu: Emanuel Ellul, Ivan Falzon, Antoinette Borg, Victoria Wilson, Dr Anne Fenech, u Sue Hall. Xehedu diversi ufficjali gholja tal-Korp tal-Pulizija biex jaghtu informazzjoni dwar l-investigazzjoni imexxija minnhom; dawn kienu: John Rizzo li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija, Joseph Cachia li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Kummissarju tal-Pulizija, Michael Cassar li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Assistent Kummissarju tal-Pulizija, u Ivan Cilia li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Spettur. Xehedu ukoll Paul Cardona, Beppe Hili, Mark Darmanin Kissaun, Joseph Falzon, John Ripard, u Joseph Busuttil, li tramite kumpaniji taghhom kienu jiffurmaw il-consortium SYC Ltd, u l-konsulenti legali taghhom Dr Malcom Mifsud u Dr Cedric Mifsud. Tressqu biex jixhdu ukoll Tonio Fenech li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Finanzi, Leonard Callus mill-ufficju tal-Prim Ministru[1], Alfred Camilleri li kien jokkupa l-kariga ta' segretarju permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, u Dr Paul Borg Olivier li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista. L-imputat xehed ukoll u ressaq bhala xhud lil Dr Joseph Grech fil-kwalita tieghu ta' eks Chairperson tal-Gozo Channel.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-verita hafna mill-fatti relevanti mhux biss jirrizultaw, imma jirrizultaw ampjament u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom. Fil-fatt fil-fehma tal-Qorti ikun ezercizzju inutli li f'din is-

---

[1] Dak iz-zmien Dr Lawrence Gonzi.

sentenza tirriproduci anke in sintesi id-depozizzjoni kollha ta' kull wiehed mix-xhieda fuq imsemmija. Hija, fil-waqt li ser telenka dawk il-fatti li ma jirrizulatw u hemm l-ebda dubbju dwarhom, ser taghmel referenza ampja ghad-depozizzjoni ta' Paul Cardona, la darba kienet propju l-allegazzjoni li ghamel hu li wasslet ghall-proceduri odjerni, u ser tirreferi ghal dawk il-brani l-aktar relevanti ghar-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz mid-depozizzjoni tax-xhieda l-ohra[2]. Referenza ser issir ukoll ghad-depozizzjoni u l-istqarrijiet ta' l-imputat kif ukoll ghall-kronologija tal-fatti ghaliex kif gustament irrileva l-abbli difensur ta'l-imputat din (il-kronologija) hija ta' rilevanza partikolari fil-kaz odjern.

Illi ai fini ta' kjarezza l-Qorti sejra qabel xejn tidentifika kif kienu iffurmati l-entitajiet li ser issir referenza ghalihom:

- Fil-Privatisation Unit: Emanuel Ellul kien Chairperson u Victoria Wilson kienet Transaction Manager.
- L-Evaluation Committee, kien kompost minn Chairperson: Emanuel Ellul, u tlett membri Ivan Falzon, Alfred Camilleri u l-imputat;

Illi fil-process tal-privatizzazzjoni kien hemm inkarigati Sue Hall (ta' Shipyard Economics) bhala konsulent tekniku, u Dr Anne Fenech (ta' Fenech and Fenech Advocates) bhala konsulent legali. Il-MIMCOL (li taghha l-imputat kien Chief Executive Officer u Ivan Falzon kien Chairperson) kienet tiehu rwol ta' advisor tal-Privatisation Unit fuq apsetti ohra. Antoinette Borg kienet tokkupa l-kariga ta' Manager mal-MIMCOL.

Illi ghal xi zmien (fil-perjodu in ezami) l-imputat kien Deputy Chairperson tal-Gozo Channel li taghha c-Chairperson kien Dr Joseph Grech.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal certu fatti jirrizultaw ampjament u m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju dwarhom. Dawn, kronologikament, huwa is-segwenti:

- F'Gunju 2008 il-Ministru tal-Finanzi habbar li t-Tarzna ser tigi privatizzata.
- F'Awissu 2008 giet publikata l-invitation for expression of interest f'dan il-process ta' privatizazzjoni; Paul Cardona kien irregistra l-expression of interest tieghu qabel it-23 ta' Settembru 2008 ghaliex f'din id-data (u

[2] Naturalment il-Qorti hadet in konsiderazzjoni u qiset d-depozizzjonijiet kollha u f'l-intier taghhom biex waslet ghad-decizzjoni taghha.

b'referenza ghall-expression of interst tieghu) huwa gie infurmat li ser jigi mistieden biex jippartecipa fit-tieni parti tal-process.

- Fit-30 ta' Settembru 2008 Sue Hall giet appuntata bhala techincal advisor.
- Fit-3 ta' Novembru 2008 ghalaq iz-zmien li fih setghu wiehed seta jirregistra l-expression of interest; dak in-nhar stess intabaghtet ittra lill-persuni li kienu rregistraw l-interess taghhom b'informazzjoni dwar kif kien ser ikompli il-process u b'struzzjonijiet dwar x'ghandhom jagmlu biex ikkomplu jippartecipaw f'dan il-process. Din l-ittra intabghatet ukoll lil Paul Cardona. Minn din l-ittra wiehed jista jiddeduci li Cardona kien irregistra l-expression of interest tieghu qabel it-23 ta' Settemebru 2008.
- F'l-10 ta' Dicembru 2008, Dr Cedric Mifsud ghan-nom ta' consortium iffurmat minn Couach (kumpanija Franciza), Hili Company Ltd, Francis Busuttil and Sons, Marine & Industrial Consultancy Services Ltd (il-kumpanija ta' Paul Cardona), S&D Yachts Ltd, John Ripard & Sons Ltd u Falzon Service Station Limited, baghat e-mail lil Victoria Wilson (ghalhekk lill-Privatisation Unit) b'lista ta' domandi fit-termini ta'l-ittra ta' struzzjonijiet li kienet intbaghtet lilhom. Dak in-nhar stess din l-email giet forwarded minn Victoria Wilson lil Antoinette Borg (ghalhekk lill-MIMCOL).
- Fit-3 ta' Frar 2009 il-Ministru tal-Finanzi appunta l-Evaluation Committee.
- Fit-12 ta' Frar 2009 ghalaq iz-zmien li fih kellhom jigu sottomessi l-Request for Proposals (RFP); dawn infethu min-Nutar Pierre Attard.
- Fis-17 ta' Frar 2009 saru l-ewwel evalwazzjonijiet bazati fuq il-proposal submissions wara l-RFP's li kienu gew sottomessi.
- Fil-15 ta' Marzu 2009 Sue Hall baghtet lill-MIMCOL sensiela ta' mistoqsijiet li kellhom jitpoggew lill-bidders kollha; dawn il-mistoqsijiet kienu intiezi biex isiru kjarifiki.
- Fid-29 ta' Marzu 2009 Coauch (parti mill-consortium ta' Paul Cardona: SYC Ltd) bdiet proceduri gudizzjarji minhabba problemi finanzjarji; f'l-1 ta' April 2009 din il-kumpanija tpoggiet in receivership. F'dan l-istadju l-Evaluation Commmittee u l-Privatisation Unit kienu ghandhom ma gewx a konjizzjoni ta' dan il-fatt.
- Fis-6 ta' April 2009 il-MIMCOL iffinalizzat l-ewwel evaluation report li kien jinkorpora t-technical findings ta' Sue Hall; kollox kien ghadu bazat fuq il-proposal submissions wara l-RFP's. Dan ir-rapport intbaghat lill-Privatisation Unit fis-7 ta' April 2009. Hawn ghandu jigi rilevat li kien hemm hames bids ghat-tender tas-Super Yachts. F'dan l-ewwel

evaluation report, fit-technical evaluation SYC Ltd gabet l-ghola marka 71%; warajha kien hemm consortium iehor: Estilleiros, li gab 63.5%.

- Fil-15 ta' April 2009 il-MIMCOL saret taf bil-problemi li kienet qed taffaccja Couach u li kienu inbdew proceduri gudizzjarji fir-rigward; il-MIMCOL infurmat lill-Privatisation Unit b'dan.
- Fit-30 ta' April 2009 il-Privatisation Unit baghtet lista ta' clarification questions lil SYC Ltd u Astilleros: iz-zewg consortia li kienu gew short listed ghat-tender tas-Super Yacht Services.
- Fil-25 ta' Mejju 2009 sar clarification meeting mal-SYC Ltd meta, fost affarijiet ohra, gew diskussi l-problemi finanzjarji u kienet qed taffaccja Couach. Kienu l-membri ta'l-Evaluation Committee li qajjem din il-kwistjoni ghaliex SYC Ltd baqghu ma nfurmawx lill-Evaluation Committee b'dak l-izvilupp.
- Fis17 ta' Gunju 2009 giet ordnata il-liquidation ta' Coauch mill-Qorti Franciza u Coiuach giet trasferita lil Cantiere Naval Couach (CNC) li propjetarju taghha kien Fabrice Vial. Minn hawn komplew sensiela ta' kjarifiki dwar l-istatus legali ta' Couach u CNC u fit-8 ta' Awissu 2009 saret laqgha ohra bejn l-Evaluation Committee u SYC Ltd kif ukoll rapprezentanza ta' CNC.
- Fid-19 ta' Awissu 2009 Dr Anne Fench ikkonfermat li l-kwistjonijiet legali li seta' kien hemm minhabba l-problemi finanzjarji ta' Coauch kienu gew kjarifikati u mill-apsett legali hija kienet sodisfatta.
- F'l-20 ta' Awissu 2009, u wara l-email ta' Dr Anne Fenech bdiet sensiela ta' emails bejn il-Privatisation Unit, il-MIMCOL u Sue Hall dwar it-technical assessment ta' SYC Ltd.
- Fit-30 ta' Settembru 2009, u wara dan l-iskambju Sue Hall stabbilit il-puntegg ta' 48% bhala t-technical score ta' SYC Ltd.
- Fis-6 ta' Ottubru 2009 jintbaghtu r-rapporti relattivi lill-Ministru bir-rakkomandazzjoni li Astilleros ghandhom jintghazlu bhala il-preferred bidder.
- Fis-7 ta' Ottubru 2009 saret l-aqgha mal-Ministru.
- F'l-20 ta' Ottubru 2009 intbaghtet ittra ohra lill-Ministru minghand Emanuel Ellul fejn ikkomunikalu l-preokkupzzjoni ta'l-Evaluation Committee dwar il-fatt li l-marka ta' 48% kienet vicin hafna tal-pass mark u li, anke tenut kont ta' dak li kien jirrikjedi l-RFP u f'l-interess ta trasparenza kien ikun opportun li jikkunsidra ukoll il-possibilita li jerga jinbeda l-process billi jinfetah ghal dawk l-hames bidders li kienu ibbiddjaw originarjament. Hekk fil-fatt gara.

- Fit-3 ta’ Frar 2010 il-process ta’ privatizzazzjoni tas-Super Yacht Services twaqqaf wara protest ta’ SYC Ltd peress li l-bidders l-ohra kollha (hlif Astilleros li ma regghax ibbiddja) inghaqdu f’consortium wiehed.

Illi stabbilita l-kronologija tal-fatti principali li sehhew fil-process tal-privatizzazzjoni jkun opportun li, f’dan l-istadju, l-Qorti tirriproduci il-partijiet saljenti ta’l-emails li gew skambjati bejn id-19 ta’ Awissu 2009 u t-30 ta’ Settembru 2009 meta kien qed jigi diskuss ghandux isir re-evaluation mill-aspett tekniku tal-proposta ta’ SYC Ltd.

Illi fid-19 ta’ Awissu 2009 Dr Anne Fenech kitbet lil Emanuel Ellul biex tghid li wara sensiela ta’ laqaghat u kjarifiki ”*we have no further questions of a legal nature ... it appears that the PU is now more or less in exactly the same position it was prior to the issue of the bankruptcy of Couach, in other words we are back to sqaure one with two bidders who have technically make the grade and with one bid being greater in financial terms than the other*”. Dr Fenech pero kompliet hekk: ”*Prior to our last meeting we were advising that before any decision is taken the technical bid should be re-evalutaed to ensure that SYC is still technically sound and makes the grade. The position now seems to be that in real terms .......what has changed in substance is the owner of Couach. Thefore one may very easily now not reconsider a re-evaluation of the techniacl offer because no technicalities have changed. If on the other hand you feel that technically there are changes then our advise to you is to instruct MIMCOL to re-evaluate the technical offer to see if this consortium still makes the grade technically”*.

Illi fil-21 ta’ Awissu 2009 Antoinette Borg kitbet lil Sue Hall u wara li ghamlet riassunt ta’ dak li kien gara fil-gimghat ta’ qabel, wara li spjegat li gew rizolti l-problemi legali, u wara li rreferiet ghal dak li kitbet Dr Fenech talbitha hekk: ”*Against this backdrop, and without going into the legal aspects which have now been addressed, we would kindly solicit your views and advice, from the technical perspective, as to: (i) the continued suitability or otherwise of the proponent and who is behind it to take the Malta project through to the desired vision for the facilities, ....; and (ii) the content of the joint venture agreement and to what extent this would, in your opinion, provide the necessary assurances that the promised added value would be effectively delivered to the Malta facilities.*”

Illi Sue Hall irrispondiet fis-26 ta'Awissu 2009 u wara li tat il-veduti taghha fuq diversi punti imqajjma f'l-email ta' Antoinette Borg ikkonkludiet hekk: "*In our original ranking, we scored both SYC and the Ast de Mallorca / Melita Diesel*[3] *with equal marks, however in the light of this rather somnolent agreement and the obvious detail and enthusiasm of the latter group at the clarification meetings, on review I would now rank Ast de Mallorca / Melita Diesel ahead of SYC consortium bid*."

Illi bhala reazzjoni ghal dak li qalet Sue Hall, Dr Fenech (aktar tard fis-26 ta' Awissu 2009 f'email indirizzat li Emanuel Ellul) qalet hekk: "*If I were part of the evaluating comittee .... I am afraid I would not be satisfied with Sue Hall's response. The question which is important for you .... to consider is not only whether (according to Sue Hall) the bid involving Astilleros is now superior  to the bid involving Couach. In terms of the RFP, in my view she needs to categorically state that the bid involving Couach no longer conforms to the RFP, in other words no longer makes the tecnical grade. How and on what basis is something that she would have to assess and give explanation for ...".* Meta ircieva dan il-parir Emanuel Ellul hass li kellha ssir laqgha mal-Ministru biex jiddiskutu dak li qalet Dr Fenech.

Illi fit-28 ta' Awissu 2009 il-MIMCOL ghamel rapport iehor *to focus on the key developments in the Evaluation Committee discussions with SYC Limited as well as to re-eavalute the standing of this proponent in the light of such developments*.

Illi dan ir-rapport gie mghoddi lil Dr Fenech minn Emanuel Ellul ghall-kummenti taghha. B'ittra dettaljata hafna datata 2 ta' Settembru 2009, Dr Fenech tat il-parir taghha fejn, ghar-ragunjiet hemm premessi, proponiet zewg alternattivi ta' kif setghu jipprocedu. A bazi ta' wahda minn dawn l-alternattivi Sue Hall giet mitluba terga taghmel technical evaluation tal-bid ta' SYC Ltd.

Illi fit-28 ta Settembru 2009 Sue Hall baghtet draft re-evaluation; fil-covering email qalet hekk: "*of particular concern is the fact that it scores only 50/100 which hardly demonstrates technical competence. I would have been looking for a score of 60 or higher. Hence even if I have been a lilttle tough, it is unlikely to clear that score.*" Kummenti f'dan is-sens kienu inkluzi fir-rapport (li kien ghadu draft) innifsu. Fih wara li waslet ghal score

[3] Astilleros.

ta’ 50/100 ikkummentat li: ”*A score of under 60/100 raises concerns of the technical credibility of this proposal*.”

Illi fid-29 ta’ Settembru 2009 l-imputat baghat email lil Sue Hall fejn wara xi kummenti generali qallha hekk: ”*You will recall that in line with the evaluation framework ......... for proposals to make the grade they have to attain more than 50% in terms of each part of the evaluation - technical, financial and proponent. Thus if the outcome of the SYC evaluation is 50 points, technically the proposal is within the said pass mark and hence the PU would still be obliged to open discussions with SYC irrespective of the commentary that states that they are technically unsuitable. Therefore in order for the commenatry to match the scoring an extent of downscoring, even if minimal, would be warranted in order to bring the tecnical score below 50. You may wish to consider and finalise your report.*”

Illi fit-30 ta’ Settembru 2009 Sue Hall baghtet ir-rapport taghha fejn nizzlet it-technical score ghal 49.5%.

Illi dan ir-rapport gie diskuss dak in-nhar stess u fil-fehma ta’l-Evaluation Committee id-downmarking b’0.5% ma kienx ser jindirizza l-problema ghaliex kien ghadu vicin wisq tal-pass mark, ghalhekk sar kuntatt telefoniku ma’ Sue Hall li aktar tard issottomettiet rapport finali; fih it-technical score kien 48%.

Illi dawn il-fatti jirrizultaw mid-dokumenti esbieti tul il-proceduri kif ukoll mid-depozizzjoni tal-persuni kollha koncernati[4].

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ghal fatt li fid-depozizzjoni taghha Sue Hall ikkonfermat li f’mohha biex xi hadd jkun jista jigi kkunisdrat teknikament kompetenti kellu jaqbez is-60%. Fis-sepozizzjoni taghha hija fil-fatt tghid li *I can clearly demonstrate that at the time I was doing it in my mind I was thinking 60 would be the threshold. I would expect a technical score to be 60 at least to demonstrate that the bid was technically competent. Although i agree the process had 50 in it, at the time I did the report that was not in my head and the email I think makes it very clear that I expect it 60 and my score was 50 an my word said this hardly demonstrates technical competence.*

[4] L-unika xhud li tantx ta dettalji fid-depozizzjoni tieghu kien Alfred Camilleri.

Ikkunsidrat

Illi fid-depozizzjoni tieghu Paul Cardona jispjega li fil-bidu tas-sena 2009 l-imputat ikkuntattjah biex jghidlu li l-Gvern kien ser jipprivatizza t-Tarzna u staqsih jekk kienx interessat li jkun konsulent tekniku tal-privatisation unit. Cardona qallu li hu kien interessat pero infurmah ukoll li kien gie avvicinat minn wiehed mill-consortia li kienu dehlin ghaliha (biex jinghaqad maghhom) u hu kien ghadu ma qallhomx iva jew le; Cardona qallu lill-imputat li hu kien jippreferi jkun il-konsulent tal-Privatisation Unit. Cardona baqa' ma sema' xejn minghand l-imputat u f'Marzu (2009), meta kien qed ikollu pressjoni mill-consortium biex jiddeciedi x'ser jaghmel, huwa cempel lill-imputat. L-imputat qallu li kien gie appuntat espert barrani pero qallu ukoll li xtaq ikellmu b'urgenza fuq il-Gozo Channel. Saret laqgha aktar tard dak in-nhar f'l-ufficjini tal-MIMCOL. L-imputat informa lil Cardona bid-disgwid li kien hemm fil-Gozo Channel u li bhala konsegwenza ta' dan id-disgwid u problemi b'l-ISM (International Safety Management Audit) il-MMA setghet twaqqfilhom il-vapuri. Cardona jkompli jghid hekk: *f'mument minnhom baxxa ghajnejh, ma baqghax eye to eye contact, ta daqqa u qalli "jekk intom tahsbu fija, jiena f'pozizzjoni li nghinkom". Ta daqqa ohra u ergajna komplejna nitkellmu fuq il-Gozo Channel*. Cardona zied jghid li f'dik il-laqgha l-imputat semma li kien imdejjaq fuq ix-xoghol ghax fil-waqt li hu kien qed jaghmel ix-xoghol kollu, il-konsulent legali kienet tiehu l-flus[5]. Cardona kompla jispjega li it-Tnejn ta' wara din il-laqgha kien cempel lill-imputat biex jara jekk kellux bzonn is-servizzi tieghu ghall-Gozo Channel; l-imputat qallu li kienu irrangaw mal-MMA u li ma kellhomx bzonn is-servizzi tieghu. Wara din il-konverzazzjoni Cardona cempel lill tnejn mill-membri tal-consortium. Xi gimgha wara, Cardona jispecifika li "*issa qeghdin ghal bidu ta' April",* kellhom meeting tal-consortium fejn huwa kien gie introdott bhala final member. F'din il-laqgha Cardona informa lil membri tal-consortium dwar "*l-offerta jew x'inhi li kelli*". Skond Cardona, Beppe Hili hatfu u qallu li kien diga qallu li dawk l-affarijiet ma jaghmluhomx, ghal liema diskors Cardona qallu li hu kien fid-dmir li ghidilhom u li jekk huma jghidu iva allura hu ma kellux interess fil-progett u l-grupp kollu qabel. Cardona kompla biex jispjega li huwa kien ikkuntattja lil kumpanija estera: Couach, li kienu yacht builders, biex jippartecipaw maghhom fil-consortium; huwa spejga x'kien ser inkun l-invvolviment reali ta' Couach fil-progett. Cardona mbaghad jghid li fis-26 ta' Mejju 2009 kellhom l-ewwel meeting mal-privatisation Unit li ghalih kienu prezenti

[5] Fis-sens li kienet tithallas aktar minnu.

ukoll rapprezantanti u konsulenti ta' Couach. Skond Cardona f'din il-laqgha kemm ic-Chairman kif ukoll l-imputat ikkoncentraw l-aktar fuq Couach ghaliex ghalihom l-aktar importanti kien il-foreign element. F'dik il-laqgha, dejjem skond Cardona, Sue Hall qalet li hija kienet sodisfatta mill-aspett tekniku pero kellha rizervi dwar l-aspett finanzjarju u dan minhabba li f'dak il-perjodu Couach kellhom problemi u anke kellhom proceduri gudizzjarji. pendenti quddiem il-Qorti Franciza. Cardona kompla jispjega li l-Privatistion Unit baghtet sett ta' mistoqsijiet dwar Couach pero l-Avukat taghhom qallhom biex ma jirrispondux, pero hu (cioe Cardona) kien ta'l-opinjoni li kienu fid-dover li jirrispondu l-mistoqsijiet li sarulhom u f'l-ahhar wiegbuhom, dan pero wara li gew infurmati li jekk ma jibghatux l-informazzjoni rikjesta kienu ser jigu eskluzi mill-process. Wara li rceviet  l-informazzjoni rikjesta l-Privatisation Unit baghatet ittra datata 27 ta' Lulju 2009 permezz ta' liema talbu lil consortium biex jattendu laqgha fil-5 ta' Awissu 2009. Cardona interpreta din l-ittra bhala sinjal li l-Privatisation Unit kienu sodisfatti b'l-informazzjoni li kienu taw. Din il-laqgha saret u ghaliha attendew is-sidien il-godda ta' Couach, CNC. Waqt din il-laqgha fuq mistoqsija tac-Chairman, Dr Fenech ikkonfermat li l-kwistjonijiet legali kienu rizolti u fi kliem Cardona: *dak il-hin kien hemm body language .... li Mario Mizzi hares lejn (Dr) Anne Fenech u qisek "taf x'qed tghid"u Ivan Falzon skuza ruhu u hareg mill-kamra.* F'din il-laqgha Dr Fenech talbet xi dokumenti ulterjuri; dawn gew sottomessi wara jumejn. Cardona jkompli li f'Awissu bdew jisimghu li t-tender kien ser jiehdu consortium iehor. Fis-27 ta'Settembu 2009 Beppe Hili kellu xi meeting fuq il-business tieghu ma' Leonard Callus f'l-ufficju tal-Prim Ministru ghal liema meeting attenda ukoll Cardona. Hili informa lil Callus b'l-inkwiet li kellhom li minkejja li huma kellhom l-ahjar offerta t-tender kien ser johodha hadd iehor. Wara din il-laqgha Beppe Hilli baqa jitkellem wahdu ma' Callus u wara kien hemm laqagh qasira bejn Callus u Cardona li fiha Cardona qal lil Callus b'dak li kien qallu l-imputat. Cardona baqa ma sema xejn aktar u f'Ottubru harget li l-Gvern m'accettax ir-rakkomandazzjoni tal-Privatstaion Unit dwar min ghandu jiehu t-tender tas-Super Yachts. Fil-fatt regghet infethet it-tender ghal dawk li kienu gia ittenderjaw; fil-waqt li l-SYC Lted regghu tefghhu bid il-consortium li kien intghazel (Astilleros) ma regghax ibbiddja. Pero gara li l-kumpaniji l-ohra li kienu ibbidjaw f'l-ewwel process inghaqdu flimkien u ghamlu bid wahda bejniethom. Fil-fehma ta' SYC Ltd dan ma kienx permess ghalhekk ipprotestaw ufficjalment u fil-fatt il-process twaqqaf  u kellu jerga jibda kollox mill-gdid. Cardona zied ukoll li f' Mejju 2010 Dr Joseph Muscat dak iz-zmien bhala Kap ta'l-Oppozzizjoni kien semma' dan il-kaz fil-Parlament u l-Prim Ministru immedjatament irrefera l-

kaz lill-Kummissarju tal-Pulzija. Cardona spjega ukoll li fil-kors ta'l-investigazzjoni kien sar konfront bejnu u bejn l-imputat. F'dan il-konfront l-imputat ghall-ewwel innega li qal dak il-kliem pero wara li beda jaghfsu hafna il-Kummissarju, Mizzi qal li seta' qalu dak il-kliem imma ma kienx ghal flus imma forsi xi hadd mill-partners tal-consortium jaghtih xoghol ahjar. Cardona mbaghad kompla jghati hafna informazzjoni dwar Couach: x'taghmel u l-importanza o meno tas-sehem li kienet ser ikollha fil-consortium u fil-progett. Eventwalment fis-depozizzjoni Cardona rega tenna li dak il-kliem l-imputat kien qallu f' Marzu 2009, spjega ukoll li hu kien stenna sa Settembru 2009 biex jghid lil Leonard Callus ghaliex shabu tal-consortium kienu qalulu biex ma jirraporta xejn pero meta mbaghad sab ruhu ma Callus xi haga go fih qaltlu biex jirrapporta. Aktar 'l quddiem Cardona jghid li ghall-ewwel hu ma ridx iwaqqaf il-process pero meta ra li li huma kellhom l-ahjar offerta u kien ser johodha haddiehor iddecieda li jirraporta. Dwar l-imputat Cardona qal ukoll li huwa kien iltaqa' mieghu socjalment darbtejn: darba f'tieg u darba ohra xi sitta jew sebgha snin qabel id-depozizzjoni tieghu (huwa kien qed jiddeponi fis-26 ta' Marzu 2012) meta marru jieklu. Din it-tieni laqgha saret fuq talba ta'l-imputat ghax xtaq ikellmu fuq opportunitua ta' xoghol li kellu l-imputat. F'dik il-laqgha Cardona lill-imputat qallu li jekk ikun jaf b'xi haga fil-linja tieghu jghidlu. Fil-kors tad-depozizzjoni tieghu Cardona qal ukoll li mir-rappurtagg fil-media dwar dan il-kaz huwa sar jaf li Sue Hall kienet giet mitluba tirrevedi l-puntegg li kienet tat lil SYC Ltd u dan kompla sahhah l-fehma tieghu li kien hemm xi hazina fil-process.

Illi in kontroezami Cardona jammetti li l-meeting li kellhom ma Leonard Callus ma kienx incidentali imma kien gie iffissat propju biex ikellmuh fuq it-tender ghax kienu preokkupati li ma kienux ser jiehduha huma. Ikkonferma li fil-process gudizzjarju li kien sehh kumpanija jisimha CNC xtrat il-Couach u li l-propjetarju ta' CNC certu Fabrice Vial inqatel fis-sena 2011. Cardona jammetti ukoll lil qabel il-laqgha ta' Awissu 2009 mal-Privatisation Unit huwa qal lill-imputat biex biex ma jaghtux daqshekk importanza lill-barranin, u jammetti li minkejja li l-consortium tieghu kien jafu li Couach kellhom problemi finanzjarji u diga kienu inbdew proceduri gudizzjarji huma ma hassewx li kellhom jinfurmaw lill-Privatisation Unit.

Ikkunsidrat

Illi fid-depozizzjoni tieghu Beppe Hili jghid li f'konverzazzjoni telefonika ghal habta ta' l-Ghid 2009 Cardona kien qallhom li l-imputat qallu li jekk l-

consortium jiehu hsiebu jkun jista jghinhom u li rrepeta dan il-kliem ftit gimghat wara waqt laqgha tal-consortium. Hili qal ukoll li Cardona kien qallu li l-konverzazzjoni ta' bejn Cardona u l-imputat sehhet waqt xi meeting fuq il-Gozo Channel. Hili kompla biex qal li hu u Cardona kienu marru ghand Leonard Callus, pero ma kienux marru hemm apposta imma mar fuq xi kwistjoni ohra, u waqt li kien hemm qal lil Callus x'kien qallu Cardona ghaliex bdew jindunaw li setghu ma jiehdux it-tender huma. Huma bdew jahsbu hekk ghaliex Cardona kien sar jaf li Sue Hall kienet taghthom marka gholja li mbaghad nizzlietha. Hili jghid ukoll li huwa kien kellem lil Dr Paul Borg Olivier fuq din il-kwisjoni.

Illi mid-depozizzjoni ta' Mark Darmanin Kissaun u Dr Malcolm Mifsud irrizulta pero li l-laqgha ma' Leonard Callus kienet intiza propja biex ikellmuh fuq din il-kwistjoni tant li Dr Mifsud jghid li kien hu li cempillu biex jiltaqghu mieghu. Din il-laqgha ma' Callus intalbet wara li Hili kien qallhom li hu kien kellem lill-Prim Ministru (Dr Gonzi) pero l-Prim Ministru qallu li hemm il-process tat-tender ghaddej u li jekk kellu xi jghid ikellem lil Leonard Callus.

Illi Dr Paul Borg Olivier ikkonferma li Beppe Hilli mar ikellmu fis-17 ta' Settembru 2009. Skond Dr Borg Olivier pero Hili qatt ma semma jew allega korruzzjoni fil-process tat-tender imma semma l-problemi li kienet ghaddej minnhom Couach u lmenta li kienet qed tinghata wisq importanza lill-barranin. Fil-fatt l-impressjoni li ha x-xhud kienet li Hili mar ikellmu "t*o solicit his bid rather than anything else*".

Illi Leonard Callus ukoll ikkonferma l-laqagha li kellu ma Hili u Cardona u li din giet iffissata war li kien cempillu Dr Malcolm Mifsud; Callus spjega li kellhom zewg laqghat l-ewwel wahda fis-17 ta' Settembru 2009 u l-ohra fid-29 ta' Settembru 2009. F'l-ewwel laqgha semmew is-sitwazzjoni ta' Couach u ilmentaw li kien hemm minn qed jahdem kontra taghom u hu qallhom li jekk ghandhom suspetti imorru ghan l-awtoritajiet kompetenti. Fit-tieni laqgha infurmawh li l-problemi legali tal-kumpanija Franciza kienu gew rizolti pero mbaghad Paul Cardona talab li jkellmu wahdu u qallu meta kienu qed jitkellmu wahedhom infurmah b'dak li kien qallu l-imputat. Callus jiftakar li Cradona kien specifika li dak id-diskors l-imputat qalu f'l-laqgha li kellhom dwar il-Gozo Channel. Callus informa lil Alfred Camilleri b'din l-allegazzjoni u anke qal lill-Ministru li kien qed isisr xi diskors fuq il-privatizzazzjoni u minghajr ma tah dettalji ta' x'intqal qallu biex joqghod attent.

Illi Tonio Fenech ikkonferma li kien kellmu Leonard Callus u spjega ukoll li f'l-istess zmien ircieva ittra anomina li l-gist taghha kien li l-privatisation unit qed tiffavorixxi lill-barranin. Huwa ghalhekk baghat ghal Emanuel Ellul, Ivan Falzon u l-imputat u iddiskutew dik l-ittra bix-xhud jemfasizza ma'l-ohrajn li hadd m'ghandu jigi eskluz mill-process jekk ma jkunx hemm ragunijiet serji ta' skwalifika. Huma cahdu kategorikament li kienu qed jigu influenzati minn xi hadd jew li kellhom kuntatt ma xi bidders. Huma anke offrew li jirrizenjaw pero x-xhud qis li ma kellux ghalfejn jissusspetta fihom.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-Gozo Channel jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Dr Joseph Grech li:

- F'Lulju 2008 hu u l-imputat gew appuntati fil-kariga ta' Chairperson u Deputy Chairperson rispettivament; huma sabu sitwazzjoni dizastruza mhux biss finanzjarja imma anke disgwid fost ufficjali gholja tal-kumpanija. Aktar min hekk ghall-ahhar ta' dik is-sena l-kumpanija kellha tghaddi mill-ISM Audit biex tkun tista' tkompli topera s-sena ta' wara.
- Fit-23 ta' Settembru 2008 ic-Chief Operations Officer, il-Kaptan Mario Grech irrizenja minn din il-kariga[6] u b'hekk is-sitwazzjoni precipitat. Grech u l-imputat, li ma tantx kellhom esperjenza teknika fil-qasam marittimu u peress li inizjalment hasbu li l-ISM kien audit tekniku iddiskutew il-possibilta li jgibu ghajnuna teknika; fuq rakkomandazzjoni ta' l-imputat, wara r-rizenja tal-Kaptan Mario Grech, iddecidew li javvicinaw lil Paul Cardona.
- Issejhet laqgha ma' Paul Cardona li ghaliha kellhom ikunu prezenti kemm Dr Joseph Grech kif ukoll l-imputat pero minhabba impenji ohra Grech wasal tard ghal-laqgha li nzammet ghand il-MIMCOL; Grech fil-fatt wasal ezatti x'hin spiccat il-laqgha.
- Fil-laqgha gie stabbilit li aktar milli teknika il-problema kienet wahda ta' dokumentazzjoni u organizzazzjoni ghalhekk Cardona ma kienx il-persuna li kellhom bzonn ghalkemm huwa kien lest li jghin jekk ikollhom bzonn.
- Il-laqgha bejn l-imputat u Cardona u li kellu jattendi ghaliha hu ukoll kienet qabel il-11 ta' Dicembru 2008.

---

[6] Ref ittra ta' rizenja a fol 777; ir-rizenja giet accettata permezz ta' ittra datata 31 ta' Ottubru 2008 (fol 779).

- Fil-frattemp kien gie appuntat certu Arthur Napier fil-kariga li kien jokkupa il-Kaptan Grech u l-problema ta' l-ISM giet rizolta minghajr l-bzonn ta' ghajnuna da parti ta' Cardona.

Ikkunsidrat

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-imputat jaghti rendikont dettaljat tal-process tal-privatizzazzjoni. B'referenza partikolari ghall-allegazzjonijiet li ghamel Paul Cardona, l-imputat jikkonferma li meta thabbret l-privatizzazzjoni tat-Tarzna huwa kellu laqgha ma' Paul Cardona; huma fil-fatt marru jieklu ghand il-Black Pearl, dan kien f'Gunju 2008. L-imputat spjega li fil-process tal-privatizzazzjoni kien ser ikollhom jinkarigaw technical advisor u peress li Cardona kellu l-kwalifiki rid jara kienx interessat. Cardona qallu li iva kien interessat. Dak in-nhar bdew jiktellmu fuq ix-xoghol taghhom u l-imputat stqarr ma' Cardona li kellu offerta ta' xoghol li kien qed jikkunsidra u staqsa l-opinjoni tieghu peress li min ghamel l-offerta kien involut fil-qasam marittimu. Skond l-imputat Cardona hassarlu pero qallu li jekk ikun jaf b'xi haga jghidlu u hu (l-imputat) probabli qallu li japrezza jew kliem iehor f'dan is-sens.

Illi l-imputat jghid ukoll li huwa kellu laqgha ohra ma' Cardona u din kienet f'xi zmien f'Ottubru jew Novembru 2009 meta tkellmu fuq il-Gozo Channel. L-imputat spjega kif huwa gie appuntata Deputy Chairperson tal-Gozo Channel f'Lujlu 2009 u li mieghu gie appuntat Chairperson Dr Joseph Grech; spjega ukoll is-sitwazzjoni kritika li kienet tinsab fiha l-Gozo Channel kif ukoll il-biza' reali li kienet ser titwaqqaf milli tkompli topera minhabba li ma kenitx ser tghaddi l-ISM Audit (li kellu jsir f'Ottubru[7]) u dan peress li kienu hemm hafna non-conformities. L-imputat u Dr Grech inizjalment hasbu li l-ISM Audit keient xi haga purament teknika u ddecidew li jfittxu l-ghajnuna ta' Paul Cardona. L-imputat cempel lil Cardona biex jghidlu li kellhom bzonn l-ghajnuna tieghu fil-Gozo Channel. Fil-kors ta' dik il-konverzazzjoni telefonika Cardona saqsa kif kienu baqghu dwar it-technical advisor ghall-privatisation tat-Tarzna u l-imputat qallu li kien intghazel haddiehor. Dwar il-Gozo Channel iddecidew li jiltaqghu huma flimkien ma' Dr Grech aktar tard dak in-nhar stess f'l-ufficju tal-MIMCOL; gara pero li Dr Grech inqabad il-Qorti u ghalhekk wasal ezatti x'hin spiccat il-laqa'. Fil-laqgha tkellmu fuq is-sitwazzjoni tal-Gozo Channel u l-ISM Audit u hareg li l-problema ma kenitx wahda teknika u

---

[7] Pero seta' jsir anke sat-tlett xhur ta' wara ghalhekk sa'l-ahhar tas-sena.

ghalhekk Cardona ma kellux sehem x'jaghti fir-rizoluzzjoni tas-sitwazzjoni li kienet tinstab fiha l-Gozo Channel. L-imputat jinsisti li f'dik il-laqgha tkellmu biss fuq il-Gozo Channel u kien fit-telefonata li issemma l-process tal-privaitzzazzjoni fis-sens li Cardona saqsa dwar in-nomina ta' technical advisor u l-imputat qallu li kien intaghzel xi hadd iehor. L-imputat specifika ukoll li Cardona qallu li kien qed jistaqsi ghaliex kien qed jigi pressat biex jidhol f'wiehed mill-consortia. L-imputat kompla jispjega li eventwalment sar jaf li meta saret din il-laqgha Cardona kien diga rregistra l-expression of interest tieghu. L-imputat spjega ukoll li sa dak il-punt huwa (il-MIMCOL) ma jkunx jaf minn irregistra l-expression of interest ghaliex il-MIMCOL ma jkollhiex involviment ma'l-expression of interest f'dak l-istadju. Jghid ukoll li l-aktar kmieni li seta' jsir jaf li Paul Cardona kien irregistra expression of interest wara l-10 ta' Dicembru 2008 cioe d-data li Dr Cedric Mifsud ghan-nom tal-membri kollha tal-consortium SYC Ltd (u allura anke ta' Paul Cardona) baghat email lil Victoria Wilson li giet forwarded lil Antoinette Borg. Dwar din it-tieni laqgha ma' Cardona l-imputat ikkonkluda billi qal li kieku huwa kien jaf li Cardona kien irregistra expression of interest u/jew li kien inghaqad ma' consoriutm li kien qed jikkunsidra jitfa bid hu ma kienx jirrikorri ghalih biex jghin fil-Gozo Channel.

Illi l-imputat kompla biex jispjega pass pass x'gara fil-process tal-privatizzazzjoni ghal dak li jikkoncerna s-Super Yacht Services u semma li l-Evaluation Committee gie appuntat fit-3 ta' Frar 2009 cioe ftit granet qabel ma ghalaq iz-zmien biex jigu sottomessi l-FRP's. Spjega l-evalwazzjonijiet inijzali li saru; il-clarification meetings; kif l-Evaluation Committee sar jaf li Qouach kienet sabet ruhha f'diffikulatjiet finanzjarji u li kienu inbdew proceduri gudizzjarji; li SYC Ltd ma qalet xejn dwar dan il-fatt ghalkemm kienet obbligata taghmel hekk ai termini ta' l-FRP. Qal li f'wiehed minn dawn il-clarification meetings meta kienu qed jiffukaw fuq il-problemi legali tal-Qouach, qabel ma dahlu ghall-meeting Paul Cardona dar fuqu u qallu biex ma jaghtux importanza zejda lill-barranin u biex ma jaghmlux pressjoni zejda fuqhom; ghal dan id-diskors l-imputat qallu dak jarah il-kumitat. L-imputat informa lil Emanuel Ellul u lill-ohrajn bid-diskors li kien qallu Cardona.

Illi dwar l-iskambu ta' emails li wassal ghar-riduzzjoni tat-technical score ta' SYC Ltd l-imputat spjega li meta Dr Fenech f'l-email taghha tad-19 ta'Awissu 2009 ikkonfermat li l-problemi legali kienu gew rizolti hija semmiet il-kwistjoni ta' jekk ghandhiex issir re-evaluation tat-technical bid. Peress illi il-parir legali tul l-ahhar gimghat tal-process kien li ghandha ssir

re-evaluation teknika u in vista ta' dik l-email ittiehdet id-decizjoni li fil-fatt jikkomunikaw ma' Sue Hall. L-email (tal-21 ta' Awissu 2009) lil Sue Hall intabghatet minn Annotinette Borg; Sue Hall eventwalment irrispondiet (fis-26 ta' Awissu 2009) u ghar-ragunijiet premessi f'l-email ikkonkludiet li issa kienet tpoggi lil Astilleros fuq quddiem.

Illi huwa spjega ukoll li dan il-parir ma kienx sufficjenti ghalihom ghalhekk Emanuel Ellul irrfera lil Dr Fenech li bhala risposta (l-email tas-26 ta' Awissu 2009) inter alia qalet li Sue Hall kellha tiiddkjara kategorikament jekk SYC "no longer make the grade". Sadattant il-MIMCOL irredigiet addendum ghar-rapport taghha biex taghmel l-osservazzjonijiet taghha dwar l-izviluppi li kienu sehhew konsegwenza tal-probalemi finanzjarji ta' Qouach. Dan intbaghat lil Dr Anne Fenech u tat parir estensiv permezz ta' ittra datata 4 ta' Settembru 2009. Dak in-nhar stess saret laqgha mal-Ministru biex jigi spjegat lilu x'kien qed jigri u x'pariri kienu naghtaw; gie deciz li kellhom jerghu jirreferu lil Sue Hall biex taghmel re-eavaluation u "*to categorically state what her poistion is*"; din it-talba lil Sue Hall saret verbalment. Hi baghtet draft re-evaluation fit-28 ta' Settembru 2009; kien f'dan l-istadju li Hall tat score ta' 50% pero f'l-istess hin qalet li din il-marka "*hardly demonstartes technical competence"* u li "*(she) would have been looking for a score of 60 or higher*". L-imputat spjega kif f'din l-email u r-rapport anness kien hemm kontradizzjoni bejn il-kummenti ta' Hall u l-iscore li tat ghaliex fil-waqt li mill-kummenti deher li fil-fehma taghha SYC Ltd *did not make the grade* l-iscore li tathom kien pass mark. L-ghada l-imputat idduskuta din l-email ma' Ivan Falzon, Emanuel Ellul u Antoinette Borg u skond dak miftiehem bejniethom l-ewwel cempel lil Sue Hall mbaghad baghat email bhala konferma ta' dak li kien qalilha u cioe li *in order for the commentary to match the scoring an element of downscoring ... is warranted* ......". Din l-email intbaghtet ukoll lil Victoria Wilson, Ivan Falzon u Antoientte Borg. Sue Hall baghtet rapport iehor (mhux iffirmat) fejn din id-darba il-marka nizzlietha ghal 49.5. Dan ir-rapport rega' gie diskuss u l-fehma komuni kienet li ma kienx accettabbli ghaliex (skond l-imputat) il-marka ta' 49.5 kienet dahq fil-wicc ghalhekk gie deciz li l-imputat kellu jerga' jkellem lil Hall. Dan hu ghamlu fil-prezenza ta' Antoinette Borg; qallha li trid tiehu decizjoni u trid tibghat ir-rapport finali taghha iffirmat. Dan hi ghamlitu aktar tard dak in-nhar fejn l-iscore kien 48%.

Illi wara dan irrapport finali ta' Sue Hall u fis-6 ta' Ottubru 2009 intbaghtu rakkomandazzjonijiet lill-Ministru lil-prefered bidder kellu jkun Astilleros.

L-ghada issejhet laqgha mill-Ministru u in vista ta'l-iscores li nghataw minn Hall gie deciz li jittiehed fitit zmien biex jergghu jikkunsidraw il-pozizzjoni. Wara diskussjonijiet interni u anke parir ta' Dr Fenech ir-rakkomandazzjoni finali lill-Ministru kienet li jsir re-bidding.

Illi l-imputat qal ukoll li f'dan il-perjodu cioe Ottubru 2009 kienu qeghdin f'xi laqgha mal-Ministru fuq aspetti ohra ta' dan il-process ta'privatizzazjoni u l-Ministru kien kellimhom fuq ittra anonima li kien irceva. L-imputat qal ukoll li fid-19 ta' Mejju 2010 il-Kap ta'l-Oppozizzjoni kien irrefera ghal dan il-kaz fil-Parliament u l-ghada huwa (cioe l-imputat) gie arrestat.

Illi l-imputat irrilaxxja tlett stqarrijiet u iddepona quddiem din il-Qorti. L-istqarrijiet iffukaw primarjament fuq id-diskors li Cardona allega li qal l-imputat u fuq id-down marking tat-technical evaluation tal-SYC ghalkemm inghatat informazzjoni fuq il-process kollu tal-privatizzazzjoni u anke fuq xi kuntatti li seta' kellu l-imputat mal-persuni imsemmija f'l-istqarrija u li setghu kellhom interess f'din u anke tenders ohra. Fil-verita l-verzjoni mghotija mill-imputat f'l-istqarrijiet u dik mghotija quddiem il-Qorti huma bejn wiehed u iehor konsistenti u fejn hemm xi diskrepanzi l-imputat jiggustifika billi jghid li waqt l-interogazzjoni huwa ma kellux id-dokumenti a dispozizzjoni tieghu biex ikun jista jaghti stampa preciza u dettaljata ta' dak kollu li kien gara u lanqas kien gie muri dokumenti mill-pulizija hlif ghal dik l-email li kien baghat li Sue Hall fejn talabha biex tikkunisdra down scoring.

Illi f'dan l-stadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva ghad-depozizzjoni ta'l-ufficjali tal-pulizija involuti u dak li huma jghidu li qalulhom l-persuni interrogati jew mitkellma fil-kors ta'l-investigazzjoni. Naturalment dan jista' jittiehed in konsiderazzjoni biss ta' kontroll u ta' kredibilita ghaliex il-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni dak li ghidu x-xhieda meta jiddeponu quddiemha. B'referenza ghal dawk id-diskrepanzi f'dak li qalu persuni bhal Emanuel Ellul, Ivan Falzon u Antoinette Borg meta kienu qed jigu interrogati u meta kienu qed jiddeponu, kollha jispjegaw li meta kiennu qeghdin id-depot ma kellhomx id-dokumentazzjoni f'idejhom biex a bazi taghha jkunu jistghu jaghtu informazzjoni preciza. Aktar minn hekk kollha jghidu li c-cirkostanzi ta'l-interrogazzjoni seta' kellha effett negattiv fuq dak li qalu.

Ikunsidrat

Illi stabbiliti l-fatti principali ta' dan il-kaz u x-xhieda l-aktar relevanti, jidher car li f'diversi aspetti, partikolarment dawk l-aktar rilevanti ghar-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz, il-verzjoni mghotija minn Paul Cardona hija kontradetta minn fatti ohra li huma inkonfutabbli u ma tantx tista tinghata kredibilita. L-istess ma jistax jinghad ghall-verzjoni ta'l-imputat ghaliex l-asserzjonijiet li huwa ghamel kollha gew korroborati.

Illi Qorti l-ewwel ser taghmel referenza ghad-dati tal-laqghat bejn Cardona u l-imputat u d-data ta meta suppost sar id-diskors inkriminanti mill-imputat.

Illi Paul Cardona qal li l-ewwel kuntatt bejnu u bejn l-imputat kien ghal bidu tas-sena 2009 meta l-imputat cempillu biex jara jekk kienx interessat fil-pozizzjoni ta' technical adviser fil-process tal-privatizzajoni. Qal ukoll li huwa cempel lill-imputat f' Marzu 2009 biex jara kif ser jibqghu minhabba li kien qed jigi pressat biex jaghti risposta lill-consortium hux ser jinghaqad maghhom jew le, u dak in-nhar stess ltaqghu biex jitkellmu dwar il-Gozo Channel.

Illi l-process tal-privatazzjoni thabbar f'Gunju 2008 u Sue Hall giet inkarigata f'Settembru 2008. Ma jaghmilx sens li xhur wara li gie inkarigat technical adviser, u meta l-process tal-privatizzazzjoni kien avvjat sew (fil-bidu tas-sena 2009), l-imputat jkellem lil Cardona biex jara jekk hux interessat f'dik il-kariga. Cardona jghid li meta l-imputat kellmu fuq il-Gozo Channel il-kwistjoni li l-aktar urgenti u li kienet qed tipreokkupa lill-imputat kienet l-ISM; dan rid jigi konkluz sa' l-ahhar tas-sena 2008. Anke hawn ma jaghmilx sens li l-impuat ikellem lill Cardona fuq il-Gozo Channel f'Marzu 2009 meta kien gia rrizolvew l-kwsitjoni dwar l-ISM u anke hadu diversi mizuri biex jibdew jikkonformaw ma' l-obbligi taghhom. Cardona jghid ukoll li fil-bidu ta' April 2009 kien hemm laqgha tal-consoritum fejn huwa gie introdot bhhala l-final member. Dan ukoll ma jistax ikun. F'l-10 ta' Dicembru 2008 Cardona zgur diga kien jifforma parti mill-consortium ghaliex Dr Cedric Mifsid baghat ittra ghan-nom tal-consortium u individwa minn kienu l-membri; Paul Cardona tramite l-kumpanija tieghu kien fil-fatt wiehed minn dawn il-membri. Fost il-membri kien hemm ukoll Couach. Cardona jghid li kien hu li kellem lil Couach biex jinghaqdu mal-consortium ghalhekk l-involviment tieghu mal-consoritum zgur jipprecedi l-10 ta' Dicembru 2008.

Illi tenut kont ta' din l-Qorti tqies li hija ferm aktar verosimili l-verzjoni ta'l-imputat meta jghid li huwa cempel lil Cardona biex jara jekk hux interessat

ikun technical advisor fil-privatizzazzjoni f' Gunju 2008 u li l-laqgha dwar il-Gozo Channel saret f'Ottubru jew Novembru 2008 (zgur wara is-26 ta' Settembru 2008 meta giet ingaggata Sue Hall pero qabel l-11 ta' Dicembru 2008 meta kien diga dahal fl-kariga Arthur Napier mal-Gozo Channel).

Illi Cardona kien insistenti hafna li l-frazi *"jekk intom tahsbu fija, jiena f'pozizzjoni li nghinkom"* l-imputat qalha fil-laqgha meta kienu qed jiddiskutu l-Gozo Channel. Ghar-ragunijiet premessi ma jistax ikun li din l-laqgha sehhet f'Marzu 2009 kif qed jghid Cardona imma bil-fors sehhet f'Ottubru/Novembru tas-sena 2008. Huwa stabbilit li Cardona irregistra l-expression of interest tieghu qabel it-23 ta' Settembru 2008 pero f'dak il-perjodu l-imputat kien ghadu ma jafx b'dan ghaliex il-MIMCOL kien ghad ma kellhiex informazzjoni dwar min kien rregistra dan l-interess. Aktar minn hekk ma jirrizulta min imkien, lanqas mid-depozizzjoni tieghu stess, li Cardona f'xi hin qal lill-imputat li kien rregistra l-interess tieghu fil-process tal-privatizzazzjoni kull ma qal kien li kien hemm consortium li qed jipressawh biex jinghaqad maghhom. Il-Qorti tistqarr li ssibha kemm xejn inverosimili li f'nofs laqgha fejn qed jigi diskuss il-Gozo Channel u xejn aktar (lanqas Cardona m'allega li dak in-nhar iddiskutew jew b'xi mod tkellmu fuq il-process tal-privatizzazzjoni u kien biss fil-konverzazzjoni telefonika li kellhom biex l-ingagg tat-technical advisor) f'nofs konverzazzjoni l-imputat jghid dawk il-kliem, partikolarment meta kien ghadu ma jafx x'interess dirett kellu Cardona fil-process tal-privatizzazzjoni.

Illi f'dan il-kuntest wiehed ma jistax jinsa li laqgha bejn l-imputat u Cardona kien hemm ohra u cioe dik meta marru jieklu ghand il-Black Pearl. Hemm qbil li kien f'din il-laqgha li fost affarijiet ohra il-konverzazzjoni daret fuq ix-xoghol li kien qed jaghmel u xi offerti ta' xoghol li seta' kellu l-imputat. L-imputat jghid li din il-laqgha sehhet f'Gunju 2008 u kienet intiza propjament biex jiddiskutu jekk Cardona kienx interessat fir-rwol ta' technical advisor fil-process tal-privatizzazzjoni. Cardona min-naha l-ohra jghid li kienu marru jieklu flimkien ghall-habta tas-sena 2006. Il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni mghotija mill-imputat hija aktar verosimili u hija konvinta li tista taghti affidabilita lill-imputat meta jghid li din il-laqgha sehhet f'Gunju 2008 (dan anke tenut kont li jghidu z-zewhg partijiet dwar x'gie diskuss f'din il-laqgha). Hemm qbil li f'dik il-koverzazzjoni Cardona, wara li esprima opinjoni negattiva ghall-offerta li kellu l-imputat, qallu li jekk ikun jaf xi haga (xi opportunita ta' xoghol) jghid lill-imputat; aktar minn hekk Cardona qal li hu ma ra xejn stramb fil-fatt li l-imputat kien qed jesplora possibilita ta' titjieb fil-karriera tieghu. L-imputat da parti tieghu

jghid li  probabilment ghal dak li qallu Cardona huwa ireagixxa bi kliem bhal ”*naprezza*”.

Illi l-Qorti fil-fatt tikkondividi t-tezi tad-difiza li l-kliem li kien qed jirreferi ghalih Cardona u li fuqu hija primarjament bazata t-tezi tal-prosekuzzjoni intqal f’dik il-laqgha li sehhet f’Gunju 2008. Aktar minn hekk l-kliem li qal l-imputat ma kienx dak li rrapporta Cardona imma imma kien kliem generali ta’ apprezzament da parti ta’l-imputat jekk Cardona jkun jaf b’xi opportunita ta’ xoghol u jinfurmah biha. Il-Qorti hija konvinta ukoll li f’dak l-istadju u tenut kont ta’ li l-imputat ma kienx jaf u lanqas seta’ jkun jaf x’kien ser ikun l-involviment ta’ Cardona bhala bidder, l-apprezzament li esprima l-imputat ma kienx espress in konessjoni mal-process tal-privatizzazzjoni.

Illi dwar l-emails li gew skambjati ma Sue Hall u d-downscoring ta’ SYC Ltd l-email mibghuta fis-29 ta’ Settembru 2009 mill-imputat lil Sue Hall ma tistax titqies in izolamanet imma ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-korrispondenza kollha precedenti u dan fid-dawl ta’ dak kollu li kien qed jigri fir-rigward. Huwa ta’ relevanza partikolari l-fatt li d-decizjoni li jsir re-evaluation tat-technical bid ta’ SYC immaturat fuq medda ta’ zmien u b’reazzjoni ghall-problemi li sabet ruhha fihom Couach u ghal bdil li kien hemm f’l-ownership taghha, u immaturat ukoll wara pariri legali li ittiehdu. Aktar minn hekk huwa ta’ relevanza partikolari ukoll l-fatt ammess u evidenti mir-rapporti li gew redatti minnha, li Sue Hall kienet qed tikkunisdra 60% bhala l-bench mark li trid tigi superata biex bid tista titqies valida teknikament. Ghalhekk huwa car li meta hija, mitluba biex taghmel re-evaluation minhabba il-bdil fic-cirkostanzi ta’ Coauch, stabbilit score ta’ 50% hija kienet qed taghmel hekk ghax fil-fehma taghha SYC Ltd ma setghux jibqghu jitqies teknikament validi, fatt rifless anke fil-kummenti taghha kemm fil-korrispondenza kif ukoll fir-rapporti. Huwa ta’ relevanza ukoll li f’dan il-process l-imputat ma kienx wahdu imma kienet qed isir konsultazzjoni kontimwa bejn l-imputat Ivan Falzon, Emanuel Ellul, Antoinette Borg u anke Dr Anne Fenech u f’waqtiet anke il-Ministru.

Illi tenut kont ta’ dan fid-dawl tal-provi kollha prodotti l-Qorti hija konvinta li dak li kien qed jaghmel l-imputat ma kienx xi tpattija ghax pretenda xi haga minghand Cardona li m’avveratx ruhha (fil-verita huwa dak li qed jallega Cardona); huwa ghamel dak li hass li kellu jaghmel fil-kors normali tal-qaghdi tad-doveri tieghu.

Illi konsegwentement u tenut kont li l-fatti li fuqhom hija bazata it-tezi tal-prosekuzzjoni ma jirrizultawx l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma jistghux jissussistu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibxx lill-imputat hati ta'l-imputazzonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**